# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru: 85/2021 LC

**C. GRECH MARBLES LIMITED**
**(C-7351)**

*vs*

**MARY FARRUGIA**
**(K.I. 69157M)**

**Illum, 08 ta' Novembru 2023**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti ppreżentat fit-12 ta' April, 2021 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma komplessiva ta' ħamest elef, tlett mija u sitta u għoxrin Ewro (€5,326) rappreżentanti somma bilanċjali dovuta minnha lis-soċjeta' rikorrenti għal materjal u xogħol rikjest li ġie kkonsenjat u tlesta fir-residenza tagħha kif miftiehem bejn il-partijiet skont Inovice annessa u mmarkata bħala Dok A, liema materjal u xogħol ġie ordnat u kkummissjonat lilha minnha stess.

Kopja Informali ta' Sentenza

Bl-ispejjeż kollha inkluż spejjeż tal-ittra legali datata l-24 ta' Ġunju 2019, ittra uffiċjali numru 2704/2019, il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1974/2019 u l-imgħax legali mid-data tal-istatement anness u mmarkat bħala Dok A sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuta minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat illi wara diversi tentattivi ta' notifika, is-soċjetà rikorrenti ġiet awtorizzata tinnotifika lill-konvenuta bil-proċedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi n-notifika tal-konvenuta saret fis-17 ta' Frar 2023;

Rat illi l-konvenuta ma ppreżentat ebda risposta sabiex tilqa' għat-talba tas-soċjetà rikorrenti;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2023 is-soċjetà rikorrenti għalqet il-provi tagħha;

Rat illi s-seduta tal-lum kienet intiża għall-provi tal-intimata iżda l-intimata msejjħa diversi drabi baqgħet ma deheritx;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti Charles Grech illi s-soċjetà rikorrenti ġiet avviċinata mill-Awtorità tad-Djar biex tagħmel varji  xogħolijiet f'numru ta' fondi, fosthom fil-fond tal-konvenuta. Il-proċedura hija li l-Awtorità talloka ammont ta' fondi għax-xogħolijiet u jekk il-benefiċjarju jrid iżid, dan jista' jagħmlu a spejjeż tiegħu. Fil-każ *de quo* il-konvenuta ingaġġat lis-soċjetà rikorrenti sabiex tagħmel diversi xogħolijiet fil-wiċċ tat-taraġ, fil-kamra tal-banju u fl-art fost l-oħrajn. Is-soċjetà rikorrenti wettqet ix-xogħolijiet u avżat lill-Awtorità tad-Djar. Hija tħallset is-somma

Kopja Informali ta' Sentenza

allokata iżda l-bilanċ tal-pagament, madanakollu, kellu jitħallas mill-konvenuta.

Illi r-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti kkonferma li l-ammont għandu dovut sal-ġurnata tal-lum u minkejja li provat diversi drabi titħallas il-bilanċ rimanenti, il-konvenuta baqgħet ma ħallsitx.

Illi b'hekk, is-somma mitluba mis-soċjetà rikorrenti ġiet suffiċjentement ipprovata;

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-imgħax, jirriżulta li x-xogħolijiet saru lill-intimata għar-residenza tagħha u ma tressqet ebda prova li dan l-ammont għandu natura kummerċjali u b'hekk il-Qorti tqis li għandu jiġi applikat id-dispost tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan l-Artikolu jistipola illi:-

> *"(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."*

Illi mill-atti pproċesswali jirriżulta li l-ewwel sejħa għall-ħlas saret permezz tal-ittra uffiċjali datata t-18 ta' Ottubru 2019 u b'hekk hija din id-data minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax kif mitlub bir-rata stipolata ai termini tal-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide:**

Kopja Informali ta' Sentenza

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta Mary Farrugia tħallas lis-soċjetà rikorrenti is-somma ta' komplessiva ta' ħamest elef, tlett mija u sitta u għoxrin Ewro (€5,326) u bl-imgħax legali b'effett mit-18 ta' Ottubru 2019, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti jkunu a karigu esklussiv tal-intimata.

Ft. Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**